IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014
COM(2014) 410 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' riforma nazzjonali ta' Spanja tal-2014

u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà ta' Spanja tal-2014

{SWD(2014) 410 final}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-programm ta' riforma nazzjonali ta' Spanja tal-2014

u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà ta' Spanja tal-2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' bażit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropea[4],

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tniedi strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, u li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tenħtieġ azzjoni li tagħti spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-kompetittività sostenibbli.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010, huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi, li

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[3] COM(2014) 410 finali.
[4] P7_TA(2014)0128 u P7_TA(2014)0129.

flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern iddeċidew dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, li jipprovdi qafas koerenti għall-azzjoni fuq il-livelli nazzjonali, tal-UE u taż-Żona tal-Euro bl-użu tal-għodod, l-istrumenti u l-politiki kollha possibbli. Huma ddeċidew fuq azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell tal-Istati Membri, fejn b'mod partikolari esprimew l-impenn sħiħ tagħhom biex jiksbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-programm nazzjonali ta' riforma ta' Spanja għall-2013 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Spanja għall-2012-2016. Fil-15 ta' Novembru 2013, skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013[5], il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha fuq l-abbozz ta' pjan baġitarju ta' Spanja għall-2014[6].

(5) Fit-13 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[7], li kien jirrappreżenta l-bidu tas-Semestru Ewropew 2014 tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess ġurnata, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[8], li fih identifikat lil Spanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellu jitwettaq rieżami fil-fond.

(6) Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet biex jiġu ggarantiti l-istabbiltà finanzjarja, il-konsolidazzjoni fiskali u l-azzjoni biex jittrawwem it-tkabbir. Huwa enfasizza l-ħtieġa li titwettaq konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir, biex l-ekonomija jerġa' jkollha kundizzjonijiet normali għas-self, biex jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività, biex jiġu indirizzati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, u biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika.

(7) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati tar-rieżami fil-fond tagħha għal Spanja[9], skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li Spanja tinsab għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu monitoraġġ speċifiku u azzjoni politika deċiżiva. B'mod partikolari, f'bosta oqsma, l-aġġustament tal-iżbilanċi identifikati s-sena li għaddiet bħala eċċessivi avvanzaw b'mod ċar u r-ritorn għal tkabbir pożittiv naqqas ir-riskji. Madankollu, il-firxa u n-natura interrelatata tal-iżbilanċi, b'mod partikolari livelli għoljin ta' dejn domestiku u estern u qgħad għoli, ifissru li vulnerabbiltajiet għadhom preżenti.

(8) Fit-30 ta' April 2014, Spanja ppreżentat il-programm ta' riforma nazzjonali tal-2014 u l-programm ta' stabbiltà tal-2014 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(9) L-għan tal-istrateġija baġitarja ppreżentata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 huwa li jikkorreġi d-defiċit eċċessiv sal-2016 u jintlaħaq l-objettiv fuq żmien medju fl-2017. Il-programm jikkonferma l-objettiv fuq żmien medju ta' pożizzjoni baġitarja

[5] ĠU L 140, 27.5.2013, p.11.
[6] C(2013) 8003 finali
[7] COM(2013) 800 finali.
[8] COM(2013) 790 finali.
[9] SWD(2014) 80 finali.

bbilanċjata f'termini strutturali, li hija iktar stretta minn dak meħtieġ fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-programm jippjana li jnaqqas id-defiċit taħt it-3 % tal-PDG fl-2016, skont il-mira stabbilita fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013, iżda t-titjib annwali tal-bilanċ strutturali (ikkalkulat mill-ġdid) ippjanat fil-programm huwa inqas mill-isforz irrakkomandat fl-2014. Għall-2017, il-pjan jipprevedi progress suffiċjenti lejn l-objettiv fuq żmien medju, għalkemm dan jista' ma jkunx suffiċjenti biex jintlaħaq fl-istess sena kif iddikjarat fil-programm. Il-programm jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern jilħaq l-ogħla punt fl-2015 b'101,7% tal-PDG u li jibda jonqos minn dak il-punt 'il quddiem. B'mod ġenerali, l-istrateġija baġitarja mniżżla fil-programm hija biss parzjalment skont ir-rekwiżiti tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-programm, li ma kienx prodott jew endorsjat minn korp indipendenti, hu plawżibbli b'mod wiesa' għall-2014 u soġġett għal riskji ta' telf ta' valur fl-2015 meta mqabbel mat-tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni għall-2014. Għall-2016-2017, ir-rati ta' tkabbir tal-PDG fil-programm kienu kemxejn ottimisti meta mqabbla mal-estimi attwali tar-rata ta' tkabbir potenzjali tal-ekonomija u l-ħtiġijiet ta' aġġustament ekonomiku ta' wara l-kriżi li għad baqa. Għalhekk, il-modi ta' aġġustament tad-defiċit u tad-dejn huma soġġetti wkoll għal riskji ta' telf ta' valur. Barra minn hekk, miżuri konkreti biex jappoġġaw il-miri ta' defiċit nominali mill-2015 'il quddiem għadhom mhumiex speċifikati b'mod suffiċjenti, speċjalment fir-rigward tal-bidliet għal-leġiżlazzjoni tat-taxxa fil-qafas tar-riforma tat-taxxa ppjanata. Riskji oħrajn huma relatati ma' obbligazzjonijiet u renditi minn iffrankar ippjanat f'livell lokali u reġjonali. Ibbażat fuq it-tbassir tal-Kummissjoni, l-isforz fiskali fil-perjodu 2013-2014 ma jintlaħaqx b'1,1 pp. f'termini ta' bidla (ikkoreġuta) fil-bilanċ strutturali (għalkemm din iċ-ċifra hi minfuħa minn bidliet riċenti fil-metodoloġija għall-estimu tal-output potenzjali) u minn 0,4 pp meta mqabbel mal-ammont ta' miżuri stmati bħala meħtieġa meta saret ir-rakkomandazzjoni skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Ibbażat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-programm u t-tbassir tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-miżuri li jirfdu l-istrateġija baġitarja jeħtieġ li jiġu speċifikati ulterjorment u li sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex ikunu konformi b'mod sħiħ mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv.

(10) Kien hemm progress fin-naħa tal-istruttura fiskali, fir-rapportaġġ tat-twettiq baġitarju u fl-applikazzjoni tal-miżuri korrettivi għall-korpi amministrattivi mhux konformi; madankollu, għad hemm skop għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' infurzar addizzjonali, imwaqqfa fil-Liġi Organika dwar l-Istabbiltà Baġitarja ta' Spanja, għal reġjuni mhux konformi. Ittieħdu miżuri ġodda biex jinfurzaw il-perjodu medju ta' 30 ġurnata għal pagamenti lil fornituri kummerċjali fil-livelli kollha tal-gvern. Twaqqfet istituzzjoni fiskali indipendenti bil-liġi f'Novembru 2013 u l-president tagħha ġie maħtur fi Frar 2014. Madankollu, l-istituzzjoni ma kinitx operazzjonali fil-waqt biex tivvaluta l-programm ta' stabbiltà tal-2014. Il-programm ta' riforma nazzjonali tal-2014 jagħraf ukoll il-ħtieġa li tinżamm il-kosteffettività fin-nefqa tal-kura tas-saħħa u farmaċewtika, eż. biċ-ċentralizzazzjoni tax-xiri ta' prodotti farmaċewtiki, ir-reviżjoni tal-basket ta' servizzi, l-iżvilupp ta' rekords kliniċi diġitali, jew it-tisħiħ tal-maniġment ta' stabbilimenti tas-saħħa. Bil-biċċa l-kbira tal-konsolidazzjoni fiskali ppjanata li tiġi minn iffrankar fin-nefqa, rieżami sistematiku tan-nefqa fil-livelli kollha tal-gvern għandu jgħin jidentifika oqsma fejn jista' jiġi ġġenerat iffrankar favorevoli għat-tkabbir waqt li jakkomoda għall-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli.

(11) Fl-2013, Spanja adottat miżuri ġodda biex tindirizza l-preġudizzju ta' dejn fit-tassazzjoni korporattiva. Matul l-2013, Spanja għamlet xi progress ukoll biex titjieb

il-konformità mat-taxxa b'intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u x-xogħol mhux iddikjarat, iżda għad baqa sfidi importanti. Fl-2013 u fl-2014, Spanja introduċiet tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ingaġġ ta' impjegati ġodda u żgħażagħ. Wara l-kunsinna ta' rapport komprensiv fuq ir-riforma tat-taxxa minn Kumitat Espert ikkummissjonat mill-gvern, l-awtoritajiet jippjanaw li jippreżentaw proposti leġiżlattivi konkreti fit-tieni kwart tal-2014. Skont il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-2014, il-proposti se jimmiraw li jimmodernizzaw is-sistema tat-taxxa, inaqqsu l-preġudizzju kontra l-impjiegi, jrawmu l-ġbir ta' dħul, jiffavorixxu l-iżvilupp ekonomiku, jiżguraw l-unità tas-suq u n-newtralità fiskali u jtejbu l-kompettitività tal-ekonomija Spanjola filwaqt li jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni fiskali. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma se jkunu importanti għal prospetti ekonomiċi u l-finanzi pubbliċi fil-futur.

(12) L-istabbiltà finanzjarja ġiet imsaħħa mir-rikapitalizzazzjoni u r-ristrutturar tas-settur bankarju u l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-programm ESM ta' Lulju 2012 għar-rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, kompluta fit-22 ta' Jannar 2014. Madankollu, is-settur finanzjarju fi Spanja għadu jiffaċċja sfidi sinifikanti li għad iridu jiġu monitorjati u mmaniġġjati bir-reqqa. Barra minn hekk, titjib fil-kundizzjonijiet ta' ffinanzjar ta' banek għad qed jingħata b'mod gradwali għall-finanzjament ta' SMEs. Waqt li timxi 'l quddiem, huwa importanti li tiżgura li l-kreditu jkompli jmur f'setturi vijabbli tal-ekonomija hekk kif ikompli t-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur privat. L-awtoritajiet ħadu bosta miżuri biex itejbu l-aċċess tal-kumpaniji għal finanzjament bankarju u dakmhux bankarju u biex jiffaċilitaw r-ristrutturar tad-dejn korporattiv iżda huma meħtieġa aktar azzjonijiet ta' politika.

(13) Is-suq tax-xogħol qed juri sinjali ta' stabilizzazzjoni u hu mistenni li fl-2014 ikun hemm ikupru ħafif b'livelli li qed jiżdiedu ta' impjiegi u tnaqqis fil-qgħad. Madankollu, b'medja annwali ta' 26,1% fl-2013, ir-rata tal-qgħad tibqa' għolja ħafna. Ta' tħassib partikolari hi r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ta' 54,3%, u l-ogħla punt sinifikanti ta' qgħad fit-tul ta' 49,7 % tal-qgħad totali fl-2013, b'dan tal-aħħar b'rati partikolarment għoljin fost ħaddiema iktar anzjani u b'ħila baxxa. Evalwazzjonijiet disponibbli tar-riforma tas-suq tax-xogħol tal-2012 jikkonkludu li r-riforma, flimkien mal-impenn tal-imsieħba soċjali għal moderazzjoni tal-pagi fl-2012-14, għenu biex jipprovdu lil kumpaniji b'aktar flessibbiltà interna u biex jitnaqqas it-telf ta' xogħol, tingħata prijorità għal ftehimiet ta' negozjar kollettiv fuq livell ta' kumpanija u titjib fil-possibbiltajiet għal kumpaniji biex joħorġu mill-ftehim kollettiv. Ir-riforma naqset ukoll il-kostijiet ta' kumpens għal tkeċċija mhux ġusta u kkontribwixxiet għal tnaqqis fin-numru ta' tkeċċijiet ikkontestati fil-qorti, u introduċiet kuntratt ġdid biex tippromwovi r-reklutaġġ stabbli f'SMEs. Miżuri ulterjuri ddaħħlu fl-2013 u kmieni fl-2014 biex jiffaċilitaw impjiegi part-time stabbli, u għat-tnaqqis b'mod temporanju ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq kuntratti indefiniti ġodda. Madankollu, is-segmentazzjoni tibqa' sfida importanti għas-suq tax-xogħol Spanjol, in-numru ta' tipi ta' kuntratt jibqa' għoli u d-differenza bejn il-kostijeit ta' tmiem tal-impjieg għal kuntratti ta' terminu fiss u dawk indefiniti jibqa' fost l-ogħla fl-UE anke wara r-riforma. Sar progress fir-riforma tal-politiki tas-suq tax-xogħol, inkluża l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Impjiegi annwali (PAPE). Madankollu, għadha lura l-azzjoni biex jiġi modernizzat u rinforzat is-servizz tal-impjiegi pubbliċi, li jista' jhedded l-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas il-ġdid. Kien hemm dewmien fl-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-portal tax-xogħol uniku. Sar progress fit-trawwim ta' kooperazzjoni ma' aġenziji privati ta' kollokament, iżda huma meħtieġa sforzi ulterjuri.

(14) Ir-rilevanza inadegwata tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol u l-proporzjon għoli ta' persuni qiegħda mingħajr kwalifiki formali (35,2%) jikkontribwixxu għar-rata għolja ta' żgħażagħ qiegħda, kif ukoll għall-qgħad. Ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ tibqa' ogħla mill-medja tal-UE u qed tiżdied ħafna. Il-proporzjon ta' studenti li jitilqu qabel iż-żmien mill-edukazzjoni u t-taħriġ, għalkemm qed jonqos, xorta waħda jibqa' għoli ħafna (23,5 %). Ir-rati ta' kisba terzjarja huma sostnuti, iżda l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u skemi ta' taħriġ u apprentistat għadhom mhux utilizzati fil-kapaċità massima tagħhom u l-profiċjenza ta' gradwati ta' edukazzjoni u' taħriġ vokazzjonali ta' sekondarja għolja għadha inqas mill-medja tal-UE. Spanja qed taħdem ukoll fuq miżuri li jinkoraġġixxu l-impjiegi taż-żgħażagħ. L-Istrateġija nazzjonali 2013-2016 tal-Impjiegi u l-Intraprenditorija taż-Żgħażagħ, ippreżentata f'Marzu 2013 issa qed tiġi implimentata, għalkemm għad hemm xi miżuri li jridu jidħlu fis-seħħ. Billi tkompli tibni fuq l-Istrateġija, Spanja ħadet passi biex tiġġieled kontra l-qgħad taż-żgħażagħ, skont l-objettivi ta' garanzija taż-żgħażagħ. Gie rreġistrat xi progress f'miżuri fil-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola u għall-promozzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali doppja, iżda l-implimentazzjoni sħiħa u l-użu effiċjenti ta' fondi jibqgħu kruċjali. Dwar taħriġ vokazzjonali doppju, koordinazzjoni kontinwa fost il-persuni interessati kollha, inklużi dawk li jieħdu deċiżjonijiet u dawk li jagħtu t-taħriġ fil-livelli kollha tal-gvern u dawk li jimpjegaw, hi meħtieġa biex is-sistema tiġi ssimplifikata, tiffavorixxi tqabbil aħjar tad-domandi tax-xogħol u tiggarantixxi l-kompatibbiltà ta' mudelli ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali doppja madwar ir-reġjuni.

(15) L-aktar bħala riżultat tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll minħabba effikaċja limitata tal-protezzjoni soċjali fit-tnaqqis tal-faqar, Spanja tinsab taħt il-medja tal-UE fir-rigward tal-indikaturi ewlenin li jkejlu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, bit-tfal u ż-żgħażagħ li huma partikolarment esposti. Bħala riżultat tal-kriżi, Spanja rat ukoll wieħed mill-akbar tnaqqis fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi u wieħed mill-ogħla livelli ta' inugwaljanza introjtu fl-UE. L-isfidi ewlenin huma li jiġu ssimplifikati proċeduri għal dawk li jagħmlu talba għal assistenza soċjali u titjib fil-governanza u fil-koordinazzjoni interistituzzjonali f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-perjodu 2013-2016 għal Inklużjoni Soċjali jipprovdi qafas ta' politika xieraq għal adattament ta' politiki tas-suq tax-xogħol attivi għal dawk l-iktar il-bogħod mis-suq tax-xogħol, bl-indirizzar tal-faqar u t-titjib fl-effiċjenza ta' servizzi ta' appoġġ għall-familji. Madankollu, assistenza soċjali u benefiċċji għandhom effetti ta' distribuzzjoni mill-ġdid limitati fost gruppi differenti f'riskju, li jissuġġerixxi mmirar dgħajef. Barra minn hekk, koordinazzjoni limitata bejn is-servizzi ta' impjiegi u dawk soċjali (inklużi dawk fuq livelli reġjonali u lokali) u l-piż amministrattiv involut fl-aċċess għal skemi ta' introjtu minimu jfixklu t-tranżizzjoni mingħajr problemi bejn l-assistenza soċjali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(16) Spanja għamlet progress fir-riformi strutturali bil-promozzjoni tat-tkabbir u l-kompettitività fil-biċċa l-kbira skont il-pjanijiet fil-programm ta' riforma nazzjonali tal-2013. Il-liġi fuq il-garanzija tal-unità tas-suq kienet adottata f'Diċembru 2013 u l-implimentazzjoni kumplessa tagħha għadha għaddejja. Il-liġi fuq l-intraprenditorija adottata fil-ħarifa tal-2013 ġabet ukoll titjib fil-qafas għall-insolvenza korporattiva u iktar forom flessibbli tal-kumpaniji, u fir-rigward tar-razjonalizzazzjoni ta' skemi ta' appoġġ għall-internazjonalizzazzjoni ta' kumpaniji. L-użu tal-għoti ta' liċenzji ekspress ġie estiz biex b'hekk ġie simplifikat il-ftuħ ta' ħwienet, u miżuri oħrajn meħudin biex jiffaċilitaw l-għoti ta' liċenzji lil negozji. Madankollu, leġiżlazzjoni sekondarja li tippermetti lil kumpaniji b'responsabbiltà limitata biex jinħolqu

permezz ta' punti uniċi ta' servizz fl-iskadenzi iqsar stabbiliti fil-liġi tal-intraprenditorija ta' Settembru 2013 għadha pendenti. Barra minn hekk, hemm każ għar-rieżami kontinwu ta' ostakoli regolatorji għat-tkabbir ta' kumpaniji, inkluża t-tassazzjoni, minħabba id-dsikrepanza ta' Spanja vis-à-vis il-pajjiżi oħrajn tal-euro fir-rigward tad-daqs ta' kumpanija. Ir-riforma tant mistennija ta' servizzi professjonali ilha takkumula dewmien u teħtieġ titħaffef. Ma ttieħdu l-ebda miżuri biex jitneħħew restrizzjonijiet għall-istabbiliment ta' bini għal ħwienet li jbigħu bl-imnut fuq skala kbira. Is-sistema ta' R&I Spanjola teħtieġ li żżid il-kwalità tar-riżultati xjentifiċi tagħha, trawwem kooperazzjoni pubblika-privata u tiffaċilita l-konverżjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fi prodotti kummerċjali. Fl-2013, il-gvern Spanjol adotta strateġija nazzjonali għax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, li għad teħtieġ li tkun appoġġjata minn finanzjament pubbliku. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' Aġenzija ta' Riċerka tal-Istat ġdida, li hi mogħtija l-kompitu ta' mmaniġġjar effiċjenti tal-investiment pubbliku fir-R&D, huwa pendenti.

(17) Ittieħdu passi sinifikanti biex jiġi indirizzat id-defiċit tat-tariffi tal-elettriku, speċjalment bit-tnaqqis tal-kostijiet tas-sistema, għalkemm l-impatt eżatt tar-riforma, b'mod partikolari fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għadu mhux kompletament ċar. Il-gvern qed jesplora modi kif jimminimizza effetti mifruxa negattivi fuq il-finanzi pubbliċi minn awtostradi bil-pedaġġ insolventi. L-awtoritajiet stabbilixxew bażi tad-dejta li għandha indikaturi ekonomiċi, ambjentali, dawk relatati mat-traffiku u oħrajn li jappoġġaw l-analiżi qabel l-investiment fl-infrastruttura, iżda għadhom ma stabbilixxewx osservatorju indipendenti biex jgħin jivvaluta proġetti ta' infrastruttura ewlenin fil-futur. Kompetizzjoni effettiva f'servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferrovija għadha mhux possibbli minħabba ostakli tekniċi u legali, li jfixklu l-użu effiċjenti ta' stokk ta' infrastruttura estensiv.

(18) Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika qed timxi 'l quddiem. Għaddiet riforma ta' amministrazzjoni pubblika lokali f'Diċembru 2013 u l-implimentazzjoni tal-kumitat tal-esperti fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għadha għadejja u se tkompli matul l-2014-15. Ir-riforma ġudizzjarja hija f'varji stadji ta' tlestija u/jew implimentazzjoni u teħtieġ li titlesta. Sforzi riċenti fil-qasam tal-indirizzar tal-korruzzjoni jinkludu l-liġi fuq it-trasparenza, l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u l-governanza tajba, adottata f'Diċembru 2013, kif ukoll żewġ abbozzi ta' liġi fuq is-superviżjoni ta' finanzjament ta' partiti u r-responsabbiltà ta' uffiċjali ta' grad għoli. Qed jiġi implimentat il-Pjan Nazzjonali tal-2012-2014 kontra x-Xogħol Irregolari u l-Frodi tas-Sigurtà Soċjali. Spanja estendiet ukoll in-netwerk tagħha ta' ftehimiet internazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għal valutazzjonijiet tat-taxxa u nediet proġett ma' kumpaniji privati biex jistudjaw titjib potenzjali fl-immaniġġjar tas-sistema ta' benefiċċji.

(19) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Spanja. Ivvalutat il-programm ta' stabbiltà u l-programm ta' riforma nazzjonali. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi Spanja imma wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata input fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qafas tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) sa (8) hawn taħt.

(20) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza ta' Spanja, u l-opinjoni tiegħu[10] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(21) Fid-dawl tar-rieżami fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' stabbiltà. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) (2), (3), (4), (6) (7) u (8) hawn taħt.

(22) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro bħala ħaġa waħda. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hi l-euro. Spanja għandha tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja għandha tieħu azzjoni fil-perjodu 2014-2015 sabiex:

1. Tirrinforza l-istrateġija baġitarja mill-2014, b'mod partikolari billi tispeċifika b'mod sħiħ il-miżuri sottostanti għas-sena 2015 u lil hinn, biex tiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod sostenibbli sal-2016 bil-kisba tal-isforz ta' aġġustament strutturali speċifikat fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Korrezzjoni li tħalli effett fit-tul tal-iżbilanċi fiskali titlob implimentazzjoni kredibbli ta' riformi strutturali ambizzjużi li jżidu l-kapaċità tal-aġġustament u jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi. Wara l-kisba tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, tfittex li tikseb aġġustament strutturali lejn l-objettiv fuq żmien medju ta' mill-inqas 0,5 % kull sena, u iktar f'kundizzjonijiet ekonomiċi tajbin jew jekk meħtieġ tiżgura li r-regola tad-dejn tintlaħaq sabiex il-proporzjon għoli tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika jitqiegħed fit-triq ta' tnaqqis sostnut. Tizgura li l-awtorità fiskali indipendenti ġdida tkun operazzjonali b'mod sħiħ mill-aktar fis possibbli u tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri preventivi, korrettivi u ta' infurzar fil-Liġi Organika dwar l-Istabbiltà Baġitarja fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż l-eliminazzjoni ta' arretrati kummerċjali fis-settur pubbliku. Twettaq sa Frar 2015 rieżami sistematiku tan-nefqa tal-livelli kollha tal-gvern biex tirfed l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku hi u sejra 'l quddiem. Tkompli fiż-żieda tal-kosteffettività tas-settur tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari b'aktar razjonalizzazzjoni tal-infiq farmaċewtiku, inkluż fi sptarijiet u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn it-tipi ta' kura, filwaqt li tinżamm l-aċċessibbiltà għal gruppi vulnerabbli. Tadotta sa tmiem l-2014 riforma tat-taxxa komprensiva biex is-sistema tat-taxxa tkun aktar sempliċi u aktar immirata lejn il-ħolqien ta' tkabbir u ta' impjiegi, il-preservazzjoni tal-ambjent u l-istabbiltà tal-miżuri. Għal dak il-għan: iċ-ċaqliq ta' dħul lejn taxxi inqas distorsivi, bħal taxxi fuq il-konsum, ambjentali (eż. fuq fjuwils tal-magni) u proprjetà rikorrenti; it-tneħħija ta' nefqiet tat-taxxa ineffiċjenti fuq dħul personali u ta' dħul korporattiv; jiġi kkunsidrat tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' dawk li jimpjegaw, b'mod partikolari għal impjiegi b'pagi baxxi; ikompli jiġi indirizzat il-preġudizzju tad-dejn f'tassazzjoni korporattiva; jittieħdu miżuri biex tiġi evitata tassazzjoni li xxekkel l-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern ta' Spanja. Iżżid l-isforz fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa.

2. Tlesti r-riforma biex jiġu salvati l-banek, fir-rigward tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja u tlesti r-ristrutturar ta' banek ta' tfaddil tal-istat sabiex jitħaffef l-irkupru sħiħ tagħhom u jiġi ffaċilitat ir-ritorn għal sjieda privata. Tippromwovi l-isforzi tal-

[10] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

benek biex jiġu sostnuti proporzjonijiet ta' kapital b'saħħithom, timmonitorja l-attività ta' Sareb biex tiżgura ċ-ċessjoni f'waqtha ta' assi filwaqt li timminimizza l-kost għal dawk li jħallsu t-taxxa. Tlesti l-miżuri li għadejjin biex ikun hemm iktar aċċess għal finanzi minn SMEs, b'mod partikolari bl-iffinalizzar ta' miżuri li għadejjin bħalissa għat-titjib ta' intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja. Tneħħi l-konġestjonijiet li għad baqa bil-qafas tal-insolvenza korporattiva, b'mod partikolari bit-titjib tal-għarfien ta' amministratturi ta' insolvenza u l-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja li timmaniġġja każijiet ta' insolvenza u tiżviluppa qafas permanenti għall-insolvenza personali.

3. Issegwi l-miżuri ġodda għat-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol favur xogħlijiet sostenibbli u ta' kwalità, inkluż permezz tat-tnaqqis ta' għadd ta' tipi ta' kuntratti u tiżgura aċċess ibbilanċjat għad-drittijiet ta' tmiem l-impjieg. Timmonitorja b'mod regolari u kontinwu r-riformi tas-suq tax-xogħol. Tippromwovi żviluppi ta' paga reali konsistenti mal-objettiv tal-ħolqien ta' impjiegi. Issaħħaħ ir-rekwiżit ta' tfittix ta' impjieg fil-benefiċċji tal-qgħad. Ittejjeb l-effikaċja u l-immirar ta' politiki tas-suq tax-xogħol attivi, inklużi sussidji ta' kiri, partikolarment għal dawk li jiffaċċaw aktar diffikultajiet fl-aċċess għal impjiegi. Tirrinforza l-koordinazzjoni bejn is-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni u politiki ta' taħriġ. Tħaffef il-modernizzazzjoni ta' servizzi ta' impjieg pubbliku biex tiġi żgurata konsulenza effettiva u personalizzata, taħriġ adegwat u tqabbil ta' xogħlijiet, b'iffukar speċjali fuq dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil. Tiżgura l-applikazzjoni effettiva ta' kooperazzjoni pubblika-privata f'servizzi ta' kollokament qabel tmiem l-2014, u l-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizzi pprovduti. Tiżgura l-funzjonament effettiv tal-Portal ta' Xogħol Uniku u tikkumbinah ma' miżuri oħrajn bħala appoġġ għall-mobbiltà tax-xogħol.

4. Timplimenta l-Istrateġija tal-Intraprenditorjat u tal-Impjiegi għaż-Żgħażagħ 2013-2016 u l-valutazzjoni tal-effikaċja tagħha. Tipprovdi offerti ta' kwalità tajba għal opportunitajiet ta' impjieg, apprendistati u traineeships għal żgħażagħ biex jitjib l-ilħuq tagħhom għal żgħażagħ mhux reġistrati u qiegħda, skont l-objettivi ta' garanzija taż-żgħażagħ. Timplimenta b'mod effettiv l-iskemi edukattivi l-ġodda biex tiżdied il-kwalità tal-edukazzjoni primarja u sekondarja. Ittejjeb il-gwida u l-appoġġ għal gruppi f'riskju li jitilqu qabel iż-żmien mill-iskola. Iżżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bit-titjib tal-kooperazzjoni ma' dawk li jimpjegaw u bl-għoti ta' appoġġ għat-taħriġ ta' ħarrieġa u tuturi.

5. Timplimenta l-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni fuq l-Inklużjoni Soċjali 2013-2016 u l-valutazzjoni tal-effikaċja li tkopri l-firxa wiesa' tal-objettivi tiegħu. Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-koordinazzjoni bejn is-servizzi ta' impjieg u dawk soċjali sabiex jiġu pprovduti modi integrati bħala appoġġ għal dawk li qegħdin f'riskju, u jiġu simplifikati proċeduri bħala appoġġ għal tranżizzjonijiet bejn skemi ta' introjtu minimu u s-suq tax-xogħol. Ittejjeb l-immirar ta' skemi ta' appoġġ għal familji u servizzi ta' kwalità li jiffavorixxu unitajiet domestiċi b'introjtu baxx bit-tfal, biex tiġi żgurata l-progressività u l-effikaċja ta' trasferimenti soċjali.

6. Tiżgura implimentazzjoni ambizzjuża u ta' malajr tal-Liġi Nru 20/1013 dwar l-Unità tas-Suq fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni. Tadotta riforma ambizzjuża ta' servizzi professjonali u ta' assoċazzjonijiet professjonali sa tmiem l-2014, li tiddefinixxi l-professjonijiet li jeħtieġu reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali, u t-trasparenza u r-responsabbiltà ta' korpi professjonali, il-ftuħ ta' attivitajiet riżervati mingħajr ġustifikazzjoni u s-salvagwardja tal-unità tas-suq fl-aċċessgħal servizzi professjonali fi Spanja u fl-eżerċitar tagħhom. Tnaqqas aktar il-ħin, il-kost u n-numru

ta' proċeduri meħtieġa għat-twaqqif ta' negozju li jopera. Tindirizza restrizzjonijiet mhux ġustifikati għat-twaqqif ta' bini ta' bejgħ bl-imnut fuq skala kbira, l-aktar permezz ta' rieżami tar-regolamenti tal-ippjanar reġjonali eżistenti. Tidentifika sorsi ta' finanzjament għall-istrateġija nazzjonali ġdida għax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u tara li l-Aġenzija tar-Riċerka tal-Istat ġdida ssir operazzjonali.

7. Wara r-riforma tal-2013, tiżgura l-eliminazzjoni effettiva tad-defiċit fis-sistema tal-elettriku mill-2014, anki bit-teħid ta' miżuri strutturali ulterjuri jekk meħtieġ. Tindirizza l-problema ta' ta' awtostradi bil-pedaġġ insolventi sabiex tnaqqas il-kostijeit għall-Istat. Twaqqaf osservatorju indipendenti biex jikkontribwixxi għall-valutazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura ewlenin fil-futur sa tmiem l-2014. Tieħu miżuri biex tiżgura kompetizzjoni effettiva fis-servizzi tal-ferroviji tal-merkanzija u l-passiġġieri.

8. Timplimenta fil-livelli kollha tal-gvern ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll u żżid it-trasparenza ta' deċiżjonijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq livell reġjonali u lokali. Tlesti u timmonitorja mill-viċin il-miżuri li għadejjin fil-ġlieda kontra l-ekonomija moħbija u xogħol mhux iddikjarat. Tadotta riformi pendenti fuq l-istruttura tal-ġudikatura u fuq il-mappa tal-ġudikatura u tiżgura l-implimentazzjoni ta' riformi adottati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President